MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2011

Numru. 695/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Angelo Gafa']**

**vs**

**Victor Attard**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Victor Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 28765(M).

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer:
F'*Power Wagon Garage* fi Triq Bur Gabrun, Siggiewi fid-9 ta' Novembru 2009 u fil-jiem, ix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kissru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel

dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz u cioe` certifikati tal-VRT foloz;

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bhala operatur jew persuna li kellu licenzja biex jittestja, hareg certifikati li kienu juru l-vetturi ghaddew mit-test meta l-istess vetturi ma kinux jigu ittestjati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 30(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 25 tar-Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq (SL 65.15).

Rat id-dokumenti; inkluz l-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 18 u188 tal-Kodici Kriminali, Reg. 25(b) tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali u SL 65.15.

Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuzi kif dedotti kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qed issib lill-imputat Victor Attard hati tal-akkuzi kollha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 qed tikkundannah sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin. Inoltre, qeghda timponi wkoll sospensjoni tal-licenzja tal-imputat ta' tester a bazi tal-Artikolu 30(1) tal-Kap. 9 u dan ghal perjodu ta' tlett (3) xhur filwaqt li tiddikjara li mhix ser tapplika il-provvediment taht Regolament 25 tar-Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma Tajba ghat-Triq (SL 65.15), stante li gie ddikjarat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-prosekuzzjoni.

Finalment, spejgat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------